**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 7782/2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Raymond Cauchi**

Illum, 20 ta' Settembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat Raymond Cauchi, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 43161(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fis-16 ta' Mejju 2022 għal ħabta ta' 16:33hrs ġewwa Triq Emmanuel Perren, Għargħur:

1. Ħebb għal Teresa Sammut sabiex jinġurjaha, idejjaqha jew igħamlilha l-ħsara.
2. Aktar talli insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew mod ieħor lil Teresa Sammut.
3. Aktar talli volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju.
4. Aktar talli għamel inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra fil-Kodiċi Kriminali jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ 'il barra mill-limiti tal-provokazzjoni.
5. Aktar talli bl-imġieba tiegħu ikkaġuna lil Teresa Sammut biża' li ser tintuża vjolenza kontra tagħha jew kontra l-proprjeta' jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa jew familjari oħra tagħha.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-14 ta' Marzu 2023, fejn il-Qorti, ma sabitx lil Raymond Cauchi ħati tal-ebda waħda mill-imputazzjonijiet u konsegwentment illiberatu minn kull ħtija u piena.

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali, ippreżentat fil-11 ta' April 2023, fejn talab lil din l-Qorti sabiex:

1. Tannulla s-sentenza tal-Ewwel Qorti minħabba nuqqas ta' formalita' jew minħabba ħtiġijiet ta' proċedura; u
2. Tirrevoka, tħassar u tiddikjara li s-sentenza tal-Ewwel Qorti ma hi bl-ebda mod valida effettiva u enforzabbli u minflok issib lill-appellat ħati skont l-akkuża u tinfliġġi piena skont il-liġi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi aggravat bis-sentenza appellata l-Avukat Ġenerali jressaq l-aggravju uniku illi l-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti huma nulli, bil-konsegwenzjali nullita' ukoll tas-sentenza mogħtija mill-istess qorti u dan minħabba numru ta' difetti proċedurali sabiex b'hekk a tenur tal-artikolu 413(1)(b)(viii) tal-Kodiċi Kriminali jitwieled il-jedd ta'l-Avukat Ġenerali għall-appell quddiem din il-Qorti meta *"id-deċiżjoni tal-Qorti Inferjuri hija nulla minħabba nuqqas ta' formalita' jew minħabba ħtiġijiet ta' proċedura."* Dan seħħ, fil-fehma ta'l-Avukat Ġenerali, meta kien hemm inosservanza tad-dettami tal-liġi penali li jfassal l-*iter* li għandu jsewgi l-proċess kriminali.

Illi minn eżami tal-atti proċesswali jirriżulta illi b'kollox inżammu żewġ seduti quddiem l-Ewwel Qorti, bl-ewwel waħda tkun dik tas-07 ta' Diċembru 2022 fejn xehdet il-parti leża Teresa Sammut. Illi flimkien maċ-ċitazzjoni iffirmata mill-iSpettur Ritienne Gauci, kienu ippreżentati żewġ affidavits tax-xhud PS1037 S.Mifsud.

Fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2023, imbagħad, wara li kien ivverbalizzat li dehru bħala imputati Svetlana Sammut u Raymond Cauchi, kif ukoll li deher Matthew Sammut bħala il-parti leża, u dan meta la Svetlana Sammut u lanqas Matthew Sammut ma kienu parti f'dawn il-proċeduri, il-Prosekuzzjoni u l-parte ċivile għalqu il-provi tagħhom u wara dan stranament hemm hekk ivverbalizzat:

**"Il-Qorti tara li ħadd ma hu interessat fil-każ.**

**Ingħatat sentenza."**

Issa huwa l-artikolu 375 tal-Kodiċi Kriminali li jfassal l-*iter* li għandha issegwi kawża imressqa quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fil-kompetenza oriġinali tagħha meta hemm dispost hekk:

**375. Meta l-azzjoni hija mmexxija mill-Avukat Ġenerali jew mill-Pulizija Eżekuttiva, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin:**
**(a) l-imputat għandu jidher huwa nnifsu. Huwa jista', madankollu, ikun assistit minn avukati jew prokuraturi legali;**
**(b) fil-każ ta' kontravvenzjoni, id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (b) tal-artikolu li jiġi minnufih qabel dan għandhom japplikaw fir-rigward tal-imputat;**
**(ċ) l-Avukat Ġenerali jew l-uffiċjal tal-Pulizija Eżekuttiva li jkun qiegħed imexxi l-prosekuzzjoni u l-imputat jew l-avukat jew il-prokuratur legali tiegħu għandhom jinstemgħu fl-ordni stabbilita fil-paragrafu (i) tal-artikolu li jiġi minnufih qabel dan;**
**(d) il-qorti tista' teħtieġ li l-akkużi jinqraw mill-Avukat Ġenerali jew mill-uffiċjal tal-Pulizija Eżekuttiva u li r-rapport jiġi kkonfermat bil-ġurament mill-uffiċjali tal-Pulizija Eżekuttiva;**
**(e) l-imputat jista' jagħmel kontro-eżami lill-imsemmi uffiċjal tal-Pulizija.**

Illi mbagħad huwa l-artikolu 374 li jfassal l-ordni kif għandha tinstema' l-kawża meta jingħad illi:

**(i) meta jidhru ż-żewġ partijiet, it-tmexxija tal-kawża għandha ssir fil-qosor u bil-fomm, fl-ordni li ġej:**
**(i) il-kwerelant jew l-avukat jew il-prokuratur legali tiegħu jesponi l-fatt tar-reat u jġib il-provi tiegħu;**
**(ii) il-kwerelat jew l-avukat jew il-prokuratur legali tiegħu jagħmel id-difiża tiegħu u jġib il-provi tiegħu;**
**(iii) il-kwerelant jew l-avukat jew il-prokuratur legali tiegħu jista' jirreplika, u l-kwerelat jew l-avukat jew prokuratur legali tiegħu jista'jagħmel kontra-replika:**

**Iżda l-qorti tista', għal raġuni tajba, tqassam xorta oħra l-ordni tas-smigħ tal-kawża**

Issa għalkemm jidher illi inizjalment l-Ewwel Qorti bdiet issegwi d-dettami tal-liġi fis-smiegħ tal-każ, madanakollu għal xi raġuni, imbagħad għaddiet għas-sentenza wara li iddikjarat illi l-partijiet ma wrewx interess fil-kawża. Tgħid hekk is-sentenza appellata, u dan wara li rriproduċiet *verbatim* ix-xiehda tal-parti leża Teresa Sammut:

> **"Illi fl-udjenza tal-14 ta' Marzu 2023 il-Qorti kienet kostretta li tagħlaq il-provi hi stante li ħadd ma kien interessat li jressaq aktar provi. F'dan l-isfond ma intlaħaqx fil-fehma tagħha l-livell ta' provi rikjesti fil-liġi sabiex tasal għal xi konklużjoni ta' x'fattwalment ġara fis-16 ta' Mejju 2022."**

U imbagħad għaddiet biex tillibera lill-appellat mill-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi traċċat dan l-*iter* proċesswali huwa evidenti li l-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti huma ivviżjati u dan għaliex huwa skorrett dak mistqarr fil-konsiderazzjonijiet kontenuti fis-sentenza appellata illi ma kienx hemm interess mill-partijiet li jressqu aktar provi, u dan meta l-Ewwel Qorti kienet semgħet ix-xiehda kollha tal-Prosekuzzjoni u tal-parte ċivile, b'dan għalhekk illi fit-termini tal-artikoli tal-liġi hawn fuq iċċitati kien imbagħad it-turn tad-difiża li tibda bil-provi tagħha, haġa li jidher li ma seħħitx meta l-Ewwel Qorti iddeċidiet minn jeddha li ma tirrispettax id-dritt għal kontradittorju, u għaddiet għas-sentenza mingħajr ma tat vuċi lid-difiża u mingħajr ma ħadet kont tal-provi kollha li kienu tressqu mill-Prosekuzzjoni u l-parti leża Teresa Sammut.

Dan in-nuqqas, kif tajjeb jillanja l-Avukat Ġenerali, iwassal għan-nullita' mhux biss tas-sentenza appellata, iżda tal-proċeduri kollha quddiem l-Ewwel Qorti għal motivi hawn fuq miġjuba.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell ta'l-Avukat Ġenerali, tiddikjara il-proċeduri li seħħew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala nulli u bla effett fil-liġi, u konsegwentment tiddikjara is-sentenza appellata nulla ukoll. Wara li rat l-artikolu 428(4) tal-Kodiċi Kriminali, tibgħat l-atti lura lil Qorti**

**tal-Maġistrati sabiex il-proċess penali kontra l-appellat Raymond Cauchi isir mill-ġdid skont il-liġi.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**